MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 758/2004

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel u Gordon Schembri esercenti l-Kummerc taht l-isem Ascot House abbazi tal-polza ta assikurazzjoni u tal-ligi u b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2004, is-socjeta' Atlas Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Express Trailers Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta April 2004 fejn
intalab li s-socjeta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf
mitejn u wiehed u erbghin lira disgha u hamsin centezmu (LM1241.59)

rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appertenenti lill-assikurat tas-
socjeta attrici u ghall-ispejjes tas-survey relattiv waqt li din kienet fil-kura u
l-kustodja tal-istess socjeta konvenuta liema konsenja kienet waslet Malta
fuq il-bastiment MV Zebbug fil-15 ta April 2003 liema danni diga thallsu
mis-socjeta attrici ai termini tal-polza ta assikurazzjoni.
Bl-imghax mit-8 ta Ottubru 2003 u bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta li
minn issa tibqa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 11 ta Mejju 2004 fejn giet kontestata t-talba attrici stante li fl-ewwel lok il-merce ma gietx karikata fil-post fejn kellha tigi karikata. Illi se mai s-socjeta konvenuta tista biss tigi tenuta responsabbli sal-limitazzjoni ta responsabbilita kif stipulata fil-kuntratt ta garr miftiehem bejn il-partijiet u cioe s-CMR Convention (Convention on the contract for the International Carriage of Goods by Road) li jirregola t-trasport ta tali merkanzija. Illi ghalhekk it-talba attrici hija legalment u fattwlament infondata b'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Brian Valenzia jispjega li d-danni hawn mitluba jirraprezentaw il-valur ta zewg kaxxi lbiesi li kienu nstabu nieqsa minn konsenja ta tnax meta l-assikurat mar biex jigborhom. L-ewwel rejazzjoni tas-socjeta konvenuta kienet fis-sens li anke huma kienu sabuhom nieqsa u fil-fatt kienu qed jinvetsigaw dan in-nuqqas huma wkoll. Dan l-andament tal-fatti jinsab konfermat mid-dokumenti minnu esebiti markati Dok BV 1 sa Dok BV 10.

Godon Schembri, l-assikurat, ikkonferma li huwa kien qabbad lis-socjeta konvenuta sabiex iggorlu l-merkanzija

in kwistjoni konsistenti fi tnax il-kaxxa pero kienu waslu biss ghaxra. Is-socjeta konvenuta kienet infurmatu li kellha tivverifika ma barra x'gara minn dawn iz-zewg kaxxi li baqghu ma waslux pero spiccaw qatt ma nstabu. Ghalhekk l-assikurat Schembri ghamel claim u thallas mill-assikurazzjoni tieghu l-valur tal-merkanzija nieqsa. Dok BV5, dokument rilaxxjat da parti tas-socjeta konvenuta lill-assikurat jindika konsenja ta ghaxar kaxxi mhux tnax filwaqt li Dok BV6, dokument iehor rilaxxjat mis-socjeta konvenuta lid-Direttur tal-Portijiet jindika li kellhom f'idejhom tnax il-kaxxa hwejjeg li rcevew f'kundizzjoni tajba liema dokument jikkoncerna n-notice of arrival tal-merkanzija.

Joseph Jones li huwa l-bond operator mas-socjeta konvenuta jghid illi meta ccekkjaw il-merkanzija gewwa t-trailer instab li kien fih ghaxra minnflok tnax il-kaxxa. Fil-fatt anke fuq Dok JJ1 prezentat minn dan ix-xhud hemm indikat bhala list of goods li suppost kien hemm tnax il-kaxxa gewwa t-trailer li pero sabu ghaxra. Dok JJ2 jindika li s-sigilli relattivi kienu jaqblu u baqghu ntatti. Dok JJ3 prezentat minn dan ix-xhud huwa l-istess bhal Dok BV6 prezentat mill-Assikurat. Meta gew biex jirrilaxxjaw il-merkanzija mid-Dwana, id-dokument maghruf bhala l-Gate Pass Out mill-ewwel indika li l-konsenja kien fiha ghaxra u mhux tnax il-kaxxa (Dok JJ4).

Frans Vella direttur tas-socjeta konvenuta jixhed li n-nuqqas fil-merkanzija gie notat hekk kif infetah it-Trailer gewwa Hal Far nonostante li s-sigilli relattivi kienu ntatti. Gie spjegat li xoghol is-socjeta konvenuta li titqabbad minn barra biex iggorr il-merkanzija lejn Malta dan taghmlu taht ir-regolamenti u kondizzjonijiet tas-CMR u b'dan jinfurmaw mill-ewwel lir-ricevitur hawn Malta. Sample tac-cirkolari relattiva tinsab esebita u markata Dok FV2.

Skond dawn ir-regolamenti ir-responsabbilita tal-carrier hija limitata versu r-rata ta circa ghaxar euro ghal kul kilogramma u f'dan il-kaz kien hemm nieqsa b'kollox madwar tnejn u ghoxrin kilogramma kwindi mitejn u ghoxrin euro kif jidher minn Dok FV7. In kontro-ezami

ulterjuri l-assikurat ighid li huwa konxju li s-socjeta konvenuta tahdem b’dawn il-kondizzjonijiet.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-Tribunal isib li filwaqt li s-socjeta konvenuta ghandha tigi tenuta reponsabbli ghal nuqqas taz-zewg kaxxi fit-trailer taghhom ir-responsabbilita taghhom hija limitata ai termini tar-regoli tas-CMR, f’dan il-kaz versu l-ammont ta circa 220 euro konvertiti f’munita maltija ghas-somma ta mitt lira (Lm100).

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, jiddikjara li r-responsabbilita taghha hija limitata biss sal-ammont ta Lm100 kif fuq spjegat u kwindi ghalhekk jilqa t-talba attrici limitatament sa dan l-ammont u konsegwentement ghalhekk jikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma fuq indikata ta mitt lira bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------